# Jiena tqila
## ...ISSA X'SE NAGĦMEL?

Pubblikazzjoni ta' LifeLine Malta

**IBBAŻATA FUQ STEJJER VERI**

LifeLine
MALTA

**Ikkuntatjana**

- Ibgħatilna email fuq: **lifeline@lifenetwork.eu**
- Servizz ta' Chat: 24/7 fuq **www.lifelinemalta.eu**
- Help Line: Ċempel fuq **2033 0023**
  *(għal Sejħiet ta' Emerġenza u Appoġġ)*

**Uffiċċju:** Mit-Tnejn sal-Ġimgħa | 08:00-16:00

*Ċemplilna. Nirranġaw ħin u post fejn ikun l-aħjar għalik biex nitkellmu.*

**Ringrazzjamenti**

LifeLine Malta Pregnancy Help Unit tixtieq tirringrazzja lill-isponsors, lill-istaff u lill-voluntiera kollha għad-dedikazzjoni tagħhom lejn il-familja LifeLine Malta. Nirringrazzjaw lill dawk il-persuni kollha li jafdawna b'ħidma biex nagħtuhom appoġġ f'mumenti ta' sfida. Nirringrazzjawhom għall-kuraġġ u r-reżiljenza tagħhom fl-għażla favur il-ħajja għat-tarbija tagħhom. Aħna nħossuna onorati li ngħinu lil kull persuna minnkom.

Nixtiequ nirringrazzjaw lill-Ministeru għall-Familja, Drittijiet tat-Tfal u Solidarjetà Soċjali tal-għajnuna finanzjarja tagħhom fl-istampar ta' dan il-ktejjeb.

# KONTENUT

Min aħna ........ 05

Servizzi li noffru ........ 07

X'tistenna min għandna ........ 09

Stejjer

Storja 1. Victoria: Storja ta' tama minkejja disperazzjoni dejjem tiżdied ........ 13

Storja 2. Maria: Deċiżjoni kuraġġuża favur l-adozzjoni minflok abort ........ 15

Storja 3. Kay: Ħabiba li għenet lil Kay fit-tqala mhux ippjanata tagħha ........ 17

Storja 4. Nicole: Tarbija fil-ġuf issalva lil ommha mill-vizzju tad-droga ........ 19

Storja 5. Vanessa: Konfuża dwar tqala mhux ippjanata ........ 21

Storja 6. Caroline: Jiddispjaċiha li ordnat il-pillola biex tkun tista' tagħmel abort ........ 23

Storja 7. Marisa: Għażlet li żżomm lit-tifel tagħha wara li kienet stuprata ........ 25

Storja 8. Precious: Weħidha u tqila f'pajjiż barrani ........ 27

Storja 9. Brave: Tqila b'appoġġ ta' ħabiba waħda biss ................ 28

Storja 10. Claire: Studenta universitarja tilqa' l-sfida ta' tqala mhux ippjanata ................ 29

Storja 11. Sandra: Omm tqila b'żewġt itfal ma' sieħeb abbużiv.... 30

Storja 12. Joanne: Mara qrib l-erbgħin sena – weħidha, tqila u beżgħana ................ 31

Storja 13. Elaine: Terġa' tibda trabbi wara 15-il sena ................ 32

Storja 14. Irene: Qrib l-erbgħIn u tqila b'tewmin ................ 33

Storja 15. Martina: Aħbar xokkanti għal koppja ta' adoloxxenti ... 34

Storja 16. Marion: Omm tqila appoġġjata minn bintha ................ 35

Storja 17. Catherine: Tqila u mitluqa waħedha f'sitwazzjoni diffiċli ................ 36

Storja 18. Elena: B'sitt xhur tqala ħarbet minn ambjent perikoluż u insikur fid-dar ................ 37

Storja 19. Nadine u Thomas: Koppja mitlufa u mbeżża' bl-aħbar ta' tqala mhux ippjanata ................ 38

Storja 20. Grace: Tieħu ħsieb żewġha marid u tqila bir-raba' wild tagħhom ................ 39

# MIN AĦNA

LifeLine
MALTA

Sapport waqt tqala mhux ippjanata!

Il-ħajja qatt m'hija ward u żahar. Ħafna drabi, persuna tkun għaddejja fil-ħajja mingħajr problemi meta f'daqqa waħda tiġrilha xi ħaġa mhux mistennija. Tista' tkun problema żgħira, li dik il-persuna tista' telgħibha faċilment weħidha jew bl-għajnuna tal-għeżież tagħha. Madankollu xi drabi, persuna ssib ruħha f' maltempata li tħalliha bla nifs, konfuża — u agħar minn hekk — tħossha kompletament weħidha. Imma weħidha ma tkunx. Aħna 'chat' jew telefonata 'l bogħod qegħdin.

Is-servizz ta' Lifeline Malta jitmexxa minn Life Network Foundation Malta u aħna qiegħdin hemm għalik. Il-ħajja umana, mill-konċepiment sal-mewt naturali, hi mprezzabbli u unika. Inti prezzjuża u unika, u daqstant ieħor hi prezzjuza t-tarbija li hemm fil-ġuf tiegħek. Mhux kull tqala tkun ippjanata jew saħansitra milqugħha. Tista' sseħħ meta mara l-inqas li tkun qed tistennieha, meta tfajla tkun għadha l-iskola, jew meta tarbija tkun l-aħħar ħaġa li tkun trid f'dak iż-żmien. It-tqala tista' tkun riżultat ta' abbuż, inċest, jew vjolenza.

Tqala tista' tkun ippjanata iżda jkollha kumplikazzjonijiet mediċi li jaffettwaw jew lill-omm jew lit-tarbija u għalhekk dawn jistgħu jwasslu għal xi kriżi. L-aħbar li t-tarbija fil-ġuf jista' jkollha diżabiltà, kumplikazzjonijiet mediċi oħra jew ċans żgħir ta' sopravivenza, sew fil-ġuf jew wara t-twelid, tista' tkun aħbar iebsa wisq għall-ġenituri. Dawn is-sitwazzjonijiet u oħrajn jistgħu jwasslu għall-paniku u ansjetà.

Kull tqala hi differenti, u kull mara tista' tesperjenza — jew ma tesperjenzax - ċirkustanzi li jbiddlulha ħajjitha. Tkun xi tkun is-sitwazzjoni tiegħek, LifeLine Malta tipprovdilek l-appoġġ meħtieġ għaċ-ċirkostanza speċifika tiegħek.

Permezz ta' LifeLine Malta, aħna nagħtu valur lil kull ħajja umana mill-konċepiment sal-mewt naturali. Nagħmlu dak kollu li nistgħu biex ngħinu lil kull persuna tagħmel għażliet favur il-ħajja. Nipprovdu l-assistenza prattika, psikoloġika u materjali li mara jkollha bżonn meta tħoss li d-dinja tagħha qed tiġġarraf u tkun qed titlef kull tama.

LifeLine Malta toffri kura personali, appoġġ ta' ħbiberija u professjonalità, f'ambjent sikur lin-nisa u lil dawk kollha li jkollhom bżonn l-għajnuna mhux biss waqt it-tqala iżda wkoll wara t-twelid. Dan isir billi tipprovdi sapport kontinwu sakemm dawn il-persuni jsiru indipendenti u ma jkollhomx iktar bżonn dan l-appoġġ.



# SERVIZZI LI NOFFRU

**Servizz Chat onlajn 24/7: www.lifelinemalta.eu**

**Servizz bit-telefon: 2033 0023**
Tipprovdi ambjent li, permezz tiegħu, kull persuna li ċċempel għall-għajnuna tista' tiddiskuti l-problemi tat-tqala b'mod sikur u kunfidenzjali.

**Servizz ta' posta elettronika/e-mail: lifeline@lifenetwork.eu**
Il-professjonisti u n-nies mħarrġa tagħna... dejjem lesti u disponibbli biex jgħinuk jekk:

- Qed tesperjenzja kriżi waqt tqala mhux ippjanat,
- Qed tiffaċċja dijanjożi kerha, jew
- Qed tipprova ssib serħan wara li tkun għamilt abort.

Huma mħarrġa biex jgħinuk tagħmel il-kuntatti tajba meħtieġa ma' nies li joffru servizz professjonali u riżorsi oħra addattati skont il-ħtieġa partikolari ta' dik il-persuna.



**LifeLine Malta flimkien ma' SaveOne Europe għandhom l-għan li jdewwu r-ruħ imweġġa' wara abort.**
SaveOne hu programm f'għaxar stadji li joffri proċess effettiv ta' fejqan lil nisa, irġiel, koppji, membri ta' familthom u ħbiebhom biex jgħinuhom iġorru l-piż u jkunu jifilħu għall-uġigħ u d-dispjaċir ta' abort tul ħajjithom.

Għal iktar informazzjoni dwar SaveOne programme li toffri LifeLine Malta, jekk jogħġbok ċemplilna fuq **2033 0023** jew żur is-sit **www.saveoneeurope.org/en/saveone-europe**



**Aħna noffru wkoll:**

- Testijiet tat-tqala
- Pariri waqt it-tqala
- Ultrasounds
- Pariri ta' appoġġ lill-irġiel, familji u ħbieb biex jappoġġjaw lill-omm
- Għajnuna materjali
- Klassijiet għal qabel it-twelid u għall-ġenituri ġodda
- 'SaveOne' kura wara abort
- Informazzjoni u Riferimenti dwar Adozzjoni u Fostering
- Assistenza dwar skemi ta' benefiċċji soċjali.

# X'TISTENNA MIN GĦANDNA

**Privatezza**

Meta tikkuntattja lil LifeLine Malta, tista' tkun ċerta li ż-żjara tiegħek u kwalunkwe informazzjoni li taqsam magħna huma kompletament kunfidenzjali. Aħna ma naqsmu l-ebda informazzjoni personali dwarek jew iż-żjara tiegħek ma' ħadd li mhux parti mill-organizzazzjoni tagħna.

**Rispett**

Għand LifeLine Malta, int se tiġi milqugħa mill-istaff professjonali tagħna b'mod sensittiv u rispettuż. Aħna mhux se niġġudikawk jew nippressawk bl-ebda mod.

**Informazzjoni u Għażliet**

Mingħand LifeLine Malta, int se tirċievi informazzjoni preċiża u onesta dwar firxa ta' suġġetti, inklużi sintomi ta' tqala, abort, adozzjoni, trobbija, STDs, u saħħa sesswali.

**Ikkuntatjana**

- Ibgħatilna email fuq: **lifeline@lifenetwork.eu**
- Servizz ta' Chat: 24/7 fuq **www.lifelinemalta.eu**
- Help Line: Ċempel fuq **2033 0023**
  *(għal Sejħiet ta' Emerġenza u Appoġġ)*

**Uffiċċju:** Mit-Tnejn sal-Ġimgħa | 08:00-16:00
*Ċemplilna. Nirranġaw ħin u post fejn ikun l-aħjar għalik biex nitkellmu.*



# STEJJER


MI 0.6
9.8cm / 1.2 / 14Hz
Non Diagnostic Image

# Victoria

L-istorja partikolari ta' Victoria bdiet meta din għamlet telefonata kunfidenzjali fuq il-Help Line tagħna. Din il-mara li kienet ser issir omm kellha bżonn is-sapport tagħna. Kienet għadha żagħżuha u b'tama qawwija għal ħajja mimlija affarijiet sbieħ għaliha. F'daqqa waħda inbidel kollox f'ħajjitha meta skopriet li kienet tqila. Sa dak il-ħin kienet ħasbet li kellha pjan perfett għal ħajjitha iżda issa, wara mument fejn aġixxiet b'impuls, kollox tar mar-riħ!!

Iddeċidiet li tfittex l-għajnuna u kkuntattjatna permezz ta' Facebook messenger. Għall-ewwel żjara tagħha, Victoria kellha magħha lill ommha u lis-sieħeb tagħha li kien ukoll missier it-tarbija. F'atmosfera ta' kalma assoluta, fissritilna l-problemi tagħha. Mingħajr ma ġġudikajniha bl-ebda mod, fittixna l-ewwel soluzzjonijiet u offrejnilha akkomodazzjoni. Għalkemm il-familja tagħha kienet lesta tgħinha f'dan l-aspett. Victoria qaltilna li għall-ewwel il-ħafna problemi tagħha dehrulha li kienu problemi bla soluzzjoni sforz ix-xokk li kienet ħadet. U ma setgħet taħseb fl-ebda żblokk mis-sitwazzjoni li kienet sabet ruħha fiha. Madankollu, wara li qagħdet taħsibha, Victoria ċemplitilna u qaltilna li kienet iddeċidiet li t-tarbijakienet ser iżżommha.

Minkejja li ma kenitx qed toqgħod fil-maternity home tagħna, iddeċidiet li tibqa' f'kuntatt magħna. Żammitna infurmati dwar kull stadju billi kienet tibagħtilna scans u informazzjoni tul iż-żmien tat-tqala kollu u konna aħna li rċevejna l-ewwel ritratt tat-tarbjia tagħha, hekk kif welditha.

Komplejna ngħinu lil Victoria sakemm reġgħet lura għax-xogħol wara li t-tarbija tagħha li kienet għadha kemm telqet timxi fdatha f'idejn ċentru li jieħu ħsieb it-tfal. Issa hija finanzjarjament indipendenti u ma għandhiex bżonn iktar ta' sapport finanzjarju u materjali. Żammet ukoll relazzjoni tajba ma' missier it-tarbija u t-tnejn li huma qed jippjanaw li jsiru uffiċjalment familja fil-ġejjieni qrib.

Għalina kien ta' unur li stajna ngħinu bil-qalb kollha lil Victoria u lill-familja tagħha. Huma saru jagħmlu parti mil-familja estensiva tagħna. Nammiraw il-kuraġġ u d-determinazzjoni ta' Victoria u nixtiequ nestendu din ix-xewqa lil nisa oħra li f'ċirkostanzi ta' sfida bħal dawn, jagħżlu l-ħajja tat-tarbija qabel kollox.



# Maria

Maria ġiet Malta biex issib ix-xogħol. Kellha magħha lit-tifel tagħha ta' tliet snin. Kienet ferħana li waslet Malta u mimlija tama għall-futur tat-tnejn. Minn dejjem kienet mara ħabrieka, kompetenti u dejjem lesta biex taħdem. Madankollu wara 'one night stand', ħajjitha inbidlet għal kollox. Kienet ħasbet li ma setgħetx tinqabad tqila. Imma l-period ma ġiehiex u meta ttestjat għat-tqala sabet li kienet tabilħaqq tqila! Taha attakk ta' paniku u ċemplitilna. Ma setgħetx temmen li kienet saret tqila wara biss 'one night stand' ma' boyfriend antik li kellha. Kienet żgura li hekk kif isir jaf b'dan, huwa kien ser jaħrab jiġri u jitlaqha. Għalhekk ħasbet li kellha għażla waħda – dik li teħles mit-tarbija!

Kienet fi stat ta' paniku kbir hekk kif fid-disperazzjoni li qabditha ppruvat issib żblokk għas-sitwazzjoni li kienet fiha.

Kienet qed tħoshha weħidha bit-tifel tagħha ta' tliet snin f'pajjiż barrani. Ħasset li ma kellha lil ħadd ma' min setghet tiftaħ qalbha – la familja u lanqas ħbieb tal-qalb – ebda sapport jew wiċċ ta' ħabib sinċier! Il-boyfriend tagħha telaqha weħidha hekk kif sar jaf bl-aħbar tat-tqala tagħha eżatt kif ħasbet li kien ser jagħmel!

Ħasset id-dinja tiġġarraf għal kollox quddiemha.

Kienet qed tibża' li setgħet titlef ix-xogħol u qabadha paniku kbir ghax ma kenitx taf kif weħidha kienet ser tieħu ħsieb uliedha. Kellha bżonn ukoll issib post fejn toqgħod billi l-kera li kienet qed tħallas kienet għolja ħafna u kienet qed qed tiswielha tliet kwarti mill-paga miżera li kienet taqla'!

Propju f'dan il-mument ta' paniku kbir, Maria ċemplet il-helpline 20330033. Wieħed min-nies imħarrġa tagħna weġibha.

L-iktar problema urġenti li riedet issolvi kienet dik tal-akkomodazzjoni. Id-dar tal-maternità tagħna fil-Mosta kienet għada mhux lesta biex tibda tilqa' l-ommijiet. Għalhekk sibnilna akkomodazzjoni temporanja sakemm xahar wara ftaħna l-bibien tad-dar. Maria kienet l-ewwel residenta tagħna. Hemmhekk hija sabet rifuġju, kura medika u wkoll min jieħu ħsieb lit-tifel żgħir tagħha. B'hekk setgħet tkompli taħdem u tkompli bit-tqala.

Komplejna nassistu lil Maria u tajnieha s-sapport emozzjonali li tant kellha bżonn. Għiniha wkoll biex tagħmel appuntamenti għall-żjarat mediċi qabel welldet, inkluż l-appuntamenti għal ultrasounds li fihom saret taf li kien ser ikollha tifla. Dan kien mument deċiżiv għal Maria! F'daqqa waħda t-tarbija kienet hemm u setgħet taraha. Rabbiet il-kuraġġ u bdiet tistenna bil-ħerqa l-jum meta tkun tista' tara lil bintha wiċċimbwiċċ.

Meta waslet biex twelled, Maria sabet is-sapport tat-tim kollu tagħna. Xi ħadd mit-tim kien magħha hija u twelled lil bintha. Għall-isptar tajnieha dak kollu li kellha bżonn, inkluż il-basket għall-isptar, ikel, ħwejjeġ, ġugarelli u fuq kollox ħafna mħabba vera. Għalina kien ta' privileġġ naraw lil Marija tiltaqa' mat-tarbija tagħha. Bejniethom nibtet imħabba mal-ewwel daqqa t'għajn!

Maria ddeċidiet li l-aħjar għat-tarbija kienet li tagħtiha għal adozzjoni. Aħna assistejna lil Maria tul il-proċess kollu. Illum Maria għandha impjieg stabbli u għandha biżżejjed biex tgħix flimkien ma' binha. Iżżomm kuntatt regolari mal-familja li qed trabbi lil bintha u ssegwieha tikber mill-qrib.

Maria tħoss paċi f'qalbha għax ċerta li ħadet l-aħjar deċiżjonijiet u fuq kollox ferħana li għażlet il-ħajja tat-tarbija qabel kollox.

# Kay

Fl-età ta' sebgħa u għoxrin sena, Kay omm ta' tifel ta' sitt snin, kellha relazzjoni qasira u xejn stabbli kkaratterizzata minn argumenti l-ħin kollu, meta ħarġet tqila. Ġurnata minnhom il-koppja argumentaw bil-kbir u l-boyfriend talabha tagħmel abort. Kissrilha l-mowbajl, tefgħalha ħwejjiġha litteralment barra t-triq u keċċieha mid-dar bit-tifel b'kollox.

Ħabiba tagħha ċemplet lil 'LifeLine' u spjegat kif Kay kellha problemi kbar u ma kellha imkien fejn tmur. Kienet fi stat prekarju u kellha bżonn ħafna għajnuna. Stajna ndaħħluha mill-ewwel fid-dar tal-maternità tagħna flimkien ma' binha ta' sitt snin. Kompliet bit-tqala bl-għajnuna tagħna u aħna tajnieha l-għajnuna kollha li kellha bżonn. Għiniha wkoll biex issib xogħol u daħħalnieha fil-lista ta' dawk eliġibbli għal servizzi oħra ta' sapport bħala mara li qed trabbi lil uliedha weħidha.

Qattgħet sena fid-dar tal-maternità u meta waslilha ż-żmien, weldet it-tarbija. L-ewwel ħaġa li qalet malli weldet lit-tarbija tagħha kienet, "X'waħda din x'kont ser nagħmel b'idejja!". Ma kellhiex fomm biex tirringrazzjana tas-sapport kollu li tajnieha. Hija tal-fehma li dan lilha għinha biex tiddeċiedi biex ma tagħmilx abort. Minflok kienet iddeċidiet li tkompli bit-tqala biex fl-aħħar welldet li din il-ġojja.

Lifeline baqgħet hemm f'ħajjitha anki wara li welldet. Issa setgħet ukoll tmur tgħix ġewwa appartament u minkejja li għaddha xi żmien, hija tkompli tinfurmana u tgħidilna li kemm hi kif ukoll iż-żewġ



uliedha sejrin tajjeb. Aħna għadna f'kuntatt magħha u ngħinuha f'dak kollu li jkollha bżonn; kultant niltaqgħu magħha u nieħdu kafé flimkien u b'hekk nibqgħu f'kuntatt kontinwu magħha għax għalina hija saret parti mill-familja tagħna.

# Nicole

Nicole kellha 25 sena. Kienet omm ta' żewġt itfal u meta kienet tqila bit-tielet tarbija għaddiet minn żmien diffiċli ħafna. Kienet bdiet tieħu d-drogi u meta saret taf li kienet tqila, kienet fil-periklu li ssir dipendenti minnhom. Sfortunatament meta saret taf li kienet tqila, il-familja tagħha ma riditx tissapportjaha iktar u bdiet tippressaha biex tagħmel abort. Minħabba d-dipendenza tagħha fuq id-droga, kellha bżonn ukoll l-għajnuna ta' servizzi oħra speċjalizzati. Hija u tipprova tikkontrolla d-dipendenza tagħha fuq id-droga, il-pressjoni tal-familja biex hija tagħmel abort kompliet bla waqfien. Darba fost l-oħrajn meta kienet fuq l-internet, sabet is-sit, LifeLine pregnancy help.' Ċemplet għall-għajnuna u wieħed minnies imħarrġa tagħna mar jiltaqa' magħha. Wara din il-laqgħa Nicole rrealiżżat li bil-għajnuna tagħna setgħet terġa' tibni ħajja ġdida għaliha u għat-tliet uliedha. 'LifeLine' għinha wkoll biex terġa' tagħmel paċi mal-familja. Tkellmu mal-familja dwar id-deċiżjoni li kienet ħadet Nicole u din ir-rikonċilazzjoni lil Nicole għenitha ħafna. Meta saret taf li l-familja tagħha kienet ser tissapportja lilha u lil uliedha, Nicole ħasset li setgħet tkompli tgħix ħajjitha u timxi ' l quddiem. Lifeline setgħet ukoll tissapportja lill-familja tagħha ; b'hekk Nicole setgħet terġa' tgħix mal-familja tagħha wara perjodu ta' riabilitazzjoni.

It-tqala tagħha kompliet bla ebda kumplikazzjoni u welldet tifel b'saħħtu imdawwra u ssapportjatha mill-familja tagħha kollha. Biss mhux kollox kien sew għal Nicole. Ftit wara li welldet littifel, Nicole reġgħet bdiet tieħu d-droga – xi ħaġa normalissima u

tista' tiġri faċilment. Nicole ddeċidiet li tibda tagħmel programm ta' riabiltazzjoni mid-droga biex toħroġ mis-sitwazzjoni li fiha kienet tinstab u fuq kollox tipproteġi lit-tliet uliedha.

Meta temmet il-programm ta' riabiltazzjoni b'suċċess, telqet miċ-ċentru u bdiet tgħix f'appartament billi setgħet tħallas l-akkomodazzjoni tagħha. Issa Nicole hija impjegata full-time, ma għadhiex iktar dipendenti mid-droga u tista' tgħix ħajja normali flimkien mat-tliet uliedha.

Aħna tassew ferħanin li Nicole sejra tajjeb u li baqgħet grata lejna li għiniha biex ma tabortiix it-tielet wild tagħha. Għadna f'kuntatt magħha il-ħin kollu u nissapportjawha f'dak kollu li jkollha bżonn. Kultant tiġi ssellmilna l-uffiċċju tagħna jew tmur sad-dar mat-tliet uliedha.



# Vanessa



Kollox beda wara laqgħa urġenti. Vanessa, tfajla żagħżugħa ta' għoxrin sena kienet trawmatiżżata meta qasmet magħna l-aħbar ta' tqala mhux mistennija. Filwaqt li hija kienet favur il-ħajja, ma setgħet tara ebda alternattiva minn din id-dilemma ħlief li tagħmel abort. Ħassitha mbażża' u weħidha. U ġiet għal sessjoni magħna. Ma waqfitx tibki. Biss wara xi siegħa titkellem magħna, ħassitha ssapportjatha u bdiet tħossha aħjar. Saret taf bis-servizzi ta' sapport li noffru u talbitna biex terġa‘ tiġi tkellimna.

Il-paniku li kellha beda jonqsilha hekk kif bdiet tirrealiżża li kien hemm soluzzjoni. Fehmet li dak li kienet qed taħseb li ma kienx ser ikun possibbli għaliha li trabbi t-tarbija ma kienx minnu. U propju f'dan il-mument ftakret li hi kienet favur il-ħajja u f'daqqa waħda intebħet kemm kienet prezzjuża l-ħajja ta' din it-tarbija. Dan għena biex tbiddel id-deċiżjoni li kienet ħadet li tagħmel abort u minflok ħasbet li tkompli sejra bit-tqala. Iktar ma t-tqala bdiet tavvanza, l quddiem, iktar beda jikbrilha l-eċċitament u kellha seba' mitt sena sakemm twelled u tiltaqa' wiċċimbwiċċ mat-tarbija.

Għamilna appuntament biex tagħmel ultrasound.

U kien hemm sorpriża oħra tistennieha!

Saret taf li kienet ser ikollha tewmin!

Din l-aħbar mhux mistennija mlieta b'ferħ bla tarf. Issa kienet żgura li kienet ħadet l-aħjar deċiżjoni u fehmet li kienet salvat il-ħajja mhux ta' wild wieħed imma ta' tnejn.



Naturalment għall-ewwwel bilkemm riedet temmen imma bdiet tħossha hekk ferħana u kellha sens ta' paċi f'qalbha. Biss għal Vanessa l-avventura kompliet! Waqt waħda mill-viżti tas-saħħa, it-tobba tawha djanjożi xejn pożittiva għal tarbija minnhom! Aħna qsamna din l-aħbar ħażina magħha u ssapportjaniha. Vanessa ddeċidiet li tiċċelebra kull ġurnata tqala, jum b'jum u tistenna kull jum li jgħaddi bis-subien li kellha f'ġufha. Konna ħdeha fit-twelid! Kellha l-isbaħ sorpriża - finalment irriżulta li t-tfal twieldu t-tnejn b'saħħithom! L-esperjenza tagħha hija u ġġorr f'ġufha u fl-aħħar twelled it-tewmin bidlitilha ħajjitha ta' taħt fuq. Kienet sabet is-sens veru f'ħajjitha - dik li ssir omm għal dawn iż-żewġt itfal tagħha u ma taqta' qalbha qatt fil-ħajja.

# Caroline

Caroline ċemplet il-HelpLine fi stat ta‘ paniku kbir billi ħasbet li l-ħin kien kontrieha u li ma kellhiex għażla oħra għajr li tabortixxi. Fil-fatt kienet diġa ordnat u rċeviet il-pilloli biex tagħmel abort (RU486) bil-posta.

L-ikbar inkwiet ta‘ Caroline kien li ma kenitx fi stat li tipprovdi u tieħu ħsieb it-tarbija tagħha weħidha u b‘salarju wieħed u miżeru. Qabel ma ħadet il-pillola biex tabortixxi, iddeċidiet li ċċemplilna.

Caroline skopriet li fil-fatt ma kenitx weħidha u li setgħet tutilizża bosta servizzi ta‘ sapport. U għalhekk anki weħihda setgħet jirnexxilha. Minn telefonata waħda għamlet bosta u fl-aħħar iltqajna magħha. Bil-mod il-mod kienet qed tiskopri x‘kien qed jinkwetaha u kif setgħet issovi l-problemi tagħha. Għalhekk iddeċidiet li żżomm it-tarbija u l-pilloli fflaxxjathom fit-tojlit!

Hekk kif hija kompliet trabbi l-kuraġġ, mtliet bit-tama u bl-eċċitament biex tilqa’ lit-tarbija tagħha fid-dinja u bdejna naraw bidla sostanzjali fl-imġiba tagħha.

Caroline bdiet issegwi kura prenatali. Hija u tiskopri kif it-tarbija tagħha kienet qed tikber, iktar bdiet tirrealiżża kemm kienet prezzjuża l-ħajja tat-tarbija tagħha. Is-sitwazzjoni finanzjarja tagħha kienet għadha qed tinkwetaha imma ma kenitx aktar raġuni sinjifikanti biżżejjed biex twarrab ir-rigal sabiħ tat-tarbija li kellha.

Caroline sabet il-ferħ malli aċċettat it-tqala. Bdiet tħares il-quddiem bi stennija għat-twelid tat-tarbija tagħha. Is-sapport li stajna noffru lil Caroline kien wieħed sostanzjali. Tajnieha ħwejjeġ essenzjali bħal

l-ewwel baby bag, baby carrier komdu, provvista regolari ta’ ħalib u kott abjad komdu u dawn kollu wassalnihomlha d-dar tagħha permezz tal-volontira tagħna.

Illum din l-omm u bintha ta’ sena huma inseperabbli. Aħna għennihom biex imorru jgħixu f’akkomodazzjoni shared, komda u sikura u nieħdu gost biż-żjarat regolari tagħhom filwaqt li nieħdu gost narawhom mexjin il-quddiem f’ħajjithom.



# Marisa

Ta' età żgħira Marisa ġiet stuprata. It-trawma li għaddiet minnha kienet tal-biki. Hija diġà kienet tieħu d-drogi, u meta ġiet abbużata waqgħet f'dipressjoni, kien f'dan l-istat li ċemplitilna tolfoq fuq it-telefon. Kien ittardjalha l-period! Tajnieha parir biex tagħmel it-test tat-tqala għandna jew fejn trid hi u ċċemplilna r-riżultat. Fil-fatt ċemplitilna u kkonfermatilna li kienet tqila. Riedet tabortixxi t-tarbija billi ma setgħet taħseb f'ebda soluzzjoni oħra. Marisa kellha bżonn ta' ħafna imħabba sinċiera. U wkoll ħafna iktar ħin mat-tim ta' sapport tagħna.

Biż-żmien Marisa bdiet tifhem li jekk ittemm il-ħajja tat-tarbija tagħha, dan kien ser iżid mat-trawma li diġà kellha. Billi xejn ma kien ser iħassar il-fatt li kienet ġiet stuprata. Hija ddeċidiet li twelled lit-tarbija umbagħad tatieha għall-adozzjoni.

Marisa kompliet taħdem mat-tim tagħna. Bil-mod il-mod imma b'ċertezża bdiet tagħmel progress. It-tarbija f'ġufha bdiet tħossha tiċċaqlaq meta marret għall-ultrasound rat wiċċha.

Marisa bdiet tħoss l-ewwel sinjali ta' fejqan f'qalbha. L-irkupru tagħha kien bil-mod imma l-imħabba tagħha lejn it-tarbija li kienet qed iġġorr f'ġufha kienet tagħmilha kuraġġ.

It-tarbija ta' Marisa twieldet b'saħħitha. L-NPICU (Neonatal Paediatric Intensive Care Unit) tal-isptar lokali tagħna kien id-dar tagħha għal l-ewwel xahar li tulu t-tarbija kienet qed tiġi mmonitorjata għal xi effetti mhux mixtieqa tad-drogi.



Grupp ta' voluntieri tagħna bdew jieħdu ħsieb lit-tarbija sakemm din instabitilha foster home. Marisa kienet tassew ferħana meta semgħet lit-tarbija tibki u meta rat li kollox kien mar sew.

Issa Marisa sejra tajjeb u qed tagħmel programm ta' riabilitazzjoni biex tirkupra għal kollox. Aħna nibqgħu f'kuntatt kontinwu magħha u nħossuna kburin għal dak li rnexxielha tagħmel – hija tassew mara ta' min jammiraha għaliex minkejja l-ostakoli kollha, tatna prova konkreta tal-kapaċita tal-mara li tippersevera minkejja tant problemi Marisa tgħallimna xi jfisrru tassew determinazzjoni, kuraġġ u imħabba.

# Precious

Meta Precious, barranija li kienet qed taħdem Malta ċemplitilna fuq il-HelpLine, kienet għadha kemm saret taf li saret tqila u għalhekk kinet konfuża ħafna dwar x'kienu l-għażliet li kellha. Il-boyfriend kien għadu kif telaqha tqila bit-tarbija tiegħu. Ħassitha weħidha u mbażża'

Precious ma riedet bl-ebda mod taħseb biex tabortixxi t-tarbija. Żorniha fl-appartament żgħir u kompatt tagħha fejn kinet qed tixxerja kamra u torqod isfel ġewwa bunk bed. Għiniha biex tifhem l-għażliet kollha li kellha. Għiniha biex tibbukkja s-sessjonijiet ta' kura prenatali u konna hemm nassistuha waqt li marret biex twelled. Wara t-twelid tat-tarbija tagħha, ipprovdejnilha l-ħalib għat-tarbija, kott għall-baby, xi ħwejjeġ tal-baby u affarijiet oħra. Precious issa ssettiljat fħappartament bil-kera li qed tixxerja ma' xi ħadd ieħor. Sibnilha lil min seta' jieħu ħsieb lit-tarbija tagħha b'responsabbiltà sabiex l-omm tkun tista terġa' lura għax-xogħol. Illum Precious għandha xogħol fiss filwaqt li t-tarbija tagħha ta' tmintax-il xahar tattendi ċentru li jieħu ħsieb it-tfal full time. It-tnejn li huma sejrin tajjeb U Precious qatt ma ddispjaċiha mid-deċiżjoni li kienet ħadet. Lit-tnejn li huma nixtiqulhom ġejjieni mill-isbaħ.

# Brave

Brave suppost li ġiet Malta għal xahrejn. Darba minnhom xorbot xi ftit iżżejjed u wara 'one night stand', skopriet li kienet tqila! Billi Brave ma kenitx tifhem bl-Ingliż, ħabib tagħha beda jittraduċilha u jfehemha li t-tim tagħna seta' jħejji pjan biex ngħinuha u nissapportjawha.

Ġiet fid-dar tagħna. Fil-bidu konna nikkomunikaw biss bil-lingwa tas-sinjali u bl-istampi. Għiniha fil-bżonnijiet kollha li kellha inkluż ikel, ħwejjeġ, u affarijiet oħra neċessarji għal ħajja kif ukoll dak kollu bżonnjuż għat-tarbija u tim ta' professjonisti, inkluż traduttur għinuha tul it-tqala kollha u waqt it-twelid.

Illum, wara li spiċċat b'suċċess kors fil-lingwa Ingliża, Brave tifhem bl-Ingliz u xi ftit bil-Mlati wkoll, filwaqt li t-tarbija tagħha issa għadha kif telqet timxi u tattendi ċentru li jieħu ħsieb it-tfal. Brave qed tfittex impjieg fiss issa li telqet miċ-ċentru tal-maternità u qed tixxerja akkomodazzjoni.

# Claire

Claire, tfajla ta' ftit iktar minn għoxrin sena ċemplet il-HelpLine meta saret taf li kienet tqila. Kienet diġà omm ta' żewġt itfal ħelwin li kienu għadhom kemm telqu jimxu u kienet qed tistudja biex tikseb Baċellerat l-Universita ta' Malta.

Hija kienet tal-fehma li ma setgħetx trabbi wild ieħor u tkompli bl-istudji tagħha. Kienet qed tibża' li jekk ikollha wild ieħor, dan ikun ifisser li jkollha tabbanduna l-ħolma tagħha li tiggradwa mill-Università ta' Malta. Meta ċemplet fuq il-HelpLine, tajnieha s-sapport emozzjonali kollu li kellha tant bżonn u wara xi sessjonijiet magħna, rabbiet il-kuraġġ biex tkompli bit-tqala. Kellha bżonn xi ħwejjeġ għat-tarbija li pprovdejnilha flimkien ma' affarijiet oħra meħtieġa għaliha. Għinniha biex tħejji pjan li kien jagħmilha possibbli li tkompli bl-istudji tagħha filwaqt li tħejji wkoll għat-twelid tat-tarbija l-ġdida tagħha. Ma kenitx faċli imma rnexxilha! It-tifla ta' Claire issa għandha sitt xhur u tattendi ċentru li jieħu ħsieb it-tfal, filwaqt li Claire qiegħda fl-aħħar sena tal-istudji tagħha l-Università. It-tifla ma kenitx ostaklu biex hi setgħet twettaq il-ħolma tagħha wara kollox. Bil-maqlub għenitha ssir iktar organiżżata u determinata billi kellha l-ħila ssib il-bilanċ ġust bejn li taqdi dmirha bħala omm, l-istudju u l-ħajja tad-dar. Is-sieħeb tagħha kuntent ukoll li bil-għajnuna tagħna, issa huma kienu qed irabbu familja żgħira bi tliet itfal.

# Sandra

Sandra kienet għaddejja minn żmien tssew diffiċli meta kellimnieha l-ewwel darba. Kellha żewġt itfal, sieħeb abbużiv u tletin ġimgħa tqala,  - kellha biżżejjed fuq x'hiex taħseb. B'kuraġġ kbir telqet mid-dar u marret l-għassa tal-pulizija biex tirrapporta lis-sieħeb abbużiv tagħha u tfittex l-għajnuna.

Il-pulizija kkuntattjawna u aħna mill-ewwel bdejna naħdmu biex nissapportjawha. Bagħatnieha f'dar għall-vittmi ta' vjolenza domestika għal xi ġimgħat sakemm żgurajna ruħna li kienet sikura. Daħħalnieha fid-dar tagħna b'tarbija tat-twelid u żewġt itfal.

Sandra mill-ewwel issettiljat għax ħasset li kien safe għaliha. It-tfal tagħha wkoll malajr għamlu ħbieb ġodda. Ipprovdejnilhom l-uniformijiet u dak kollu li kellhom bżonn għall-iskola. Lilha pprovnejnilha dak kollu li kellha bżonn għat-tarbija.

Sandra kienet tqis l-istaff u l-voluntiera tagħna bħala l-familja tagħha u ħassitha komda fid-dar il-ġdida tagħha. Barra minn hekk stajna nissapportjawha wkoll fil-każ li kellha għaddej il-qorti mingħajr ma tlabnieha ebda flus (pro bono).

Bħalissa Sandra għandha xogħol fiss full-time u tista' tissapportja t-tfal tagħha u tħallas appartament modest b'żewġ kmamar tas-sodda. Hija mara ta' kuraġġ kbir!

# Joanne

Joanne kellha ftit iktar minn tletin sena meta saret taf li kienet tqila bl-ewwel tarbija tagħha; kienet ferħana se ttir meta semgħet li kienet tqila iżda fl-istess ħin imbażża' billi ma kellhiex xogħol fiss jew riżorsi finanzjarji biżżejjed biex tissapportja lilha nfisha u lit-tarbija.

Joanne ikkuntattjat social worker dwar il-problemi li kellha hekk kif saret taf li kienet tqila. Dak iż-żmien Joanne kienet qed torqod fuq is-sufan ta' ħabiba tagħha li qaltilha li jekk kienet bi ħsiebha iżżomm it-tarbija, ma setgħetx tibqa' tgħix hemm għal ħafna żmien. Dan il-kliem lil Joanne imlieha b'ħafna stress u kompla żidilha inkwiet li setgħet tispiċċa bla saqaf fuq rasha b'tarbija tat-twelid. Ċemplet il-HelpLine u sibnilha post fid-dar.

Joanne kellha seba' xhur tqala meta ġiet għandna u aħna ssapportjaniha fl-aħħar xahrejn tat-tqala. Konna magħha waqt it-twelid tat-tarbija tagħha.

Joanne u t-tarbija tat-twelid tagħha baqgħu magħna għal għaxar xhur sakemm Joanne sabet impjieg full time u bdiet tixxerja kirja.

# Elaine

Elaine kienet inkwetata li ser terġa' trabbi wara ħmistax-il sena. Meta saret taf li reġgħet ħarġet tqila, issorprendiet ruħha bil-kbir billi kienet tal-fehma li ż-żmien biex trabbi kien għaddha u barra minn hekk kienet qed tuża l-kontraċċettivi.

Elaine ġiet fil-kwartieri tagħna niex tiltaqa' magħna. Kienet imwerwra li kien ser ikollha terġa' tibda mill-bidu.

Waħda mill-voluntiera tagħna baqgħet f'kuntatt kontinwu magħha. Kienet tiltaqa' magħha biex flimkien imorru jieħdu kafé u fl-istess ħin toffrilha sapport emozzjonali. It-tifla l-oħra kienet eċċitata u ferħana li kienet se jkollha lil ħuha jew lil oħtha. Bil-mod il-mod imma b'ċertezza, Elaine bdiet kull ma jmur tħossha iktar kunfidenti li setgħet issolvi l-problemi kollha li kellha. Ir-raġel tagħha issapportjaha ħafna wkoll. Elaine qaltilna li ‚LifeLine' kien għena ssib il-forza interjuri li kellha bżonn biex trabbi t-tieni wild tagħha. Illum Elaine hija omm ta' tifla ta' ħmistax- il sena u tifla oħra ta' erba' xhur. Qed issib il-bilanċ ġust bejn ix-xogħol tad-dar u xogħol fiss full time u qatt ma ddispaċiha bl-għażla li għamlet li ssir omm għal darba oħra!

# Irene

It-taqsima tat-tqala ta' ‚LifeLine' taħdem f'kollaborazzjoni sħiħa ma' aġenziji u organizzazzjonijet non-governattivi (NGO's). Permezz ta' wieħed minn dawn il-provvedituri ta' servizzi, ltqajna ma' Irene, mara ta' ftit iktar minn tletin sena. Irene kienet qed tistenna tewmin u kienet qed tinkwieta kif kien ser jirnexxilha tissapportja lilha nnifisha u liż-żewġ uliedha li kienu għadhom ma tweldux billi kienet qed issofri minn problemi mentali.

Irene mill-ewwel xtaqet tiltaqa' magħna. Il-ħsieb li kien ser ikollha tieħu ħsieb żewġt itfal żgħar weħidha kien qed jinkwetaha mhux ftit. Minħabba f'hekk Irene għaddiet minn perjodi ta' ansjetà u attakki ta' paniku kbar li komplew kabbrulha l-istress marbut mat-tqala tagħha. Aħna ħejjejna pjan ta' sapport għal Irene. Sibnilha wkoll voluntiera biex tkun dejjem hemm għaliha bħala ħabiba tagħha biex tgħinha u tkompli ttiha s-sapport emozzjonali li tant kellha bżonn kif ukoll tirreferiha għal għajnuan professjonali. Meta l-istat mentali tagħha beda jitjieb, kif ukoll meta welldet, konna magħha. It-taqlib tal-ormoni sa fl-aħħar stabiliżża ruħu u l-livelli ta' ansjeta' nnormaliżżaw ruħhom ukoll. Sa fl-aħħar Irene setgħet tibda tifraħ b'mod normali u bdiet tieħu gost tieħu ħsieb it-trabi tagħha. Kemm Irene kif ukoll it-tewmin tagħha sejrin tajjeb ħafna. Tħosssha issetiljata bil-għanuna tat-tewmin u tas-sapport kontinwu li ntuha. Reġgħet bdiet taħdem u għad għandha voluntiera magħha li kultant tmur tara kif sejra bil-familja l-ġdida tagħha.

# Martina

Meta omm Martina ċemplet il-HelpLine, kienet inkwetata fuq bintha u d-deċiżjoni li kienet ħadet flimkien mal-boyfriend tagħha li jabortixxu lit-tarbija tagħhom. Kultant anki jekk tkun favur il-ħajja, dan ma jkunx biżżejjed. Il-koppja sabet ruħha f'sitwazzjoni diffiċli u ma setgħetx taħseb f'soluzzjoni oħra ħlief l-abort.

L-omm ċemplet u talbet li l-koppja titkellem ma' xi ħadd min-nies tagħna mill-iktar fis possibbli. Wieħed mill-istaff tagħna tkellem ma' Martina li kienet taħt pressjoni kbira biex tieħu deċiżjoni kemm jista' jkun malajr. Martina kienet qed tħoss li ma setgħetx tiddeċiedi. Kellha bżonn iktar żmien biex tiddeċiedi x'riedet weħidha.

Il-boyfiend kien il-ħin kollu jippressaha biex tibda tieħu l-pilloli biex tagħmel abort. Fil-fatt kien ġa ordna dawn il-pilloli onlajn u insista li tibda teħodhom eżatt kif jaslu.

Għat-tieni żjara tagħha ġie magħha l-boyfriend ukoll. Bil-kalma kollha esprimew magħna l-beżgħat u dak kollu li kien qed jinkwetahom. Il-ġenituri ta' Martina wegħduha sapport ukoll. Il-pilloli waslu imma Martina ddeċidiet li t-tarbija żżommha. Hija u l-boyfriend tagħha rċevew sapport kemm tul it-tqala kollha kif ukoll wara t-twelid. Il-pilloli ntremew billi kienu ħela ta' flus.

Bint Martina issa għandha kważi sena u qed jieħdu ħsiebu ż-żewġ ġenituri tiegħu. L-imħabba bejn Martina u l-boyfriend kompliet tikber u tissaħħaħ u issa qed jgħixu flimkien u għandhom seba' mitt sena sakemm jiżżewġu bit-tifla tagħhom tagħmilha ta' bridesmaid.

# Marion

Marion kienet taħt xokk meta ċemplitilna. Ma setgħetx temmen li kienet reġgħet saret tqila wara għaxar snin. Dak iż-żmien kienet issetiljata għal ħajja mingħajr tfal iktar u ma setgħetx timmaġina t-tibdil radikali kollu li kellha tagħmel biex tgħaddi minn tqala oħra u trabbi wild wara għaxar snin.

Marion ma setgħetx temmen li kienet tqila u kienet ċerta li dan il-wild ma riditux. Il-ħsieb biss li min jaf kemm kienu ser jiġġudikawha n-nies u jseksku fuqha minn wara daharha kien ikiddha wisq. Kienet qagħdet attenta ħafna biex ma tinqabadx billi kienet tuża l-kontraċċettivi b'mod metikoluż. Għaxar snin qabel kienet għamlet żball u minn dak iż-żmien , l hemm kienet qagħdet attenta ħafna. U bintha x'kienet ser tgħid?

Ċemplet il-'HelpLine'. Aħna offrejna li ngħinuha tagħti l-aħbar lill-familja tagħha bl-aħbar, speċjalment lil ommha u lil missierha.

Il-Gimgħa ta' wara Marion reġgħet ċemplitilna. Bintha ta' għaxar snin kienet qagħdet tissemma' u semgħet lil ommha tiddiskuti t-tqala mal-ġenituri tagħha u semgħetha tgħid li kienet qed tibża' jkollha wild ieħor. Ikkonfrontatha u qaltilha li xtaqet li ommha twelled dan il-wild u li kienet lesta li tkunlu/ilha oħtu/tha l-kbira. Qaltilha li hi wkoll kellha sehem fid-deċiżjoni billi t-tarbija kien ħuha jew oħtha! Meta semgħet lil bintha l-oħra titkellem hekk, Marion iddeċidiet li żżomm it-tarbija bis-sapport ta' bintha. Issa Marion qed taħdem full time u hija l-omm kburija ta' żewġt ibniet gustużi!

# Catherine

Catherine, mara ta' kważi tletin sena, kien telaqha l-boyfriend u ħallieha tqila bit-tifel tagħhom. Ħassitha mitlufa u ma kenitx taf eżatt x'għażliet kellha. Ma kenitx ċerta jekk kellhiex tkompli bit-tqala issa li sabet ruħha weħidha. Kif setgħet tkampa?

Catherine daħlet fuq il-websajt tagħna u ċemplet il-HelpLine. L-iktar problema urġenti li kellha kienet dik tal-akkomodazzjoni. Offrejnilha post fiċ-ċentru tal-maternita għal sena. Fil-fatt Catherine baqgħet għandna għal madwar sena u nofs. Tul dan iż-żmien, għenna lil Catherine biex tħejji għat-twelid tat-tarbija, biex titgħallem tħejji rutina għal kuljum u wkoll pjan ta' x'setgħet tagħmel hekk kif tħalli ċ-ċentru tal-maternità. Hija wkoll bdiet kors li għenha biex issib xogħol. Bħalissa għadha qed tidra x-xogħol full time.

Illum Catherine qed tipprova ssib il-bilanċ ġust bejn li tieħu ħsieb lit-tarbija u taħdem full time u dan dejjem tagħmlu bi tbissima kbira fuq fommha

# Elena

Elena kienet aġitata u nervuża ħafna meta ċemplet il-HelpLine. Kellha sitt xhur tqala u ma setgħetx tibqa' tgħix mal-ġenituri tagħha.

Id-dar kien hemm ambjent xejn sabiħ billi l-ġenituri tagħha kienu l-ħin kollu jiġġudikawha għax kienet saret omm li kienet qed trabbi weħidha. Issa kienet iddejqet u ma felħitx iktar għar-rikatt emozzjonali tagħhom. Kienet ukoll qed titlef dejjem iktar il-fiduċja fiha nnifisha.

Elena ċemplet il-HelpLine bit-tama li ssib xi ftit sapport emozzjonali. Offrejnilha kamra fiċ-ċentru tal-maternità tagħna. Ferħet mhux ftit b'din l-offerta u ħassitha tikkalma. Għax b'hekk setgħet tgawdi t-tqala fi ħdan komunità żgħira li setgħet tifhem is-sitwazzjoni li kienet sabet ruħha fiha kif ukoll dak kollu li kellha bżonn. Għenniha wkoll biex tindirizza r-relazzjoni tagħha mal-ġenituri li issa qed jippruvaw jifhmuha iktar u jissapportjawha mill-bogħod.

Illum Elena hija omm kburija li qed tgħix b'mod indipendenti flimkien ma' binha. Ħadmet biex tistabilixxi konfini b'saħħithom u issa għandha relazzjoni aħjar mal-ġenituri tagħha.

# Nadine u Thomas

Nadine u Thomas kienu għadhom kif jaslu Malta. Ma kienx ilhom wisq li marru jgħixu fl-appartament li kienu qed jixxerjaw meta Nadine skopriet li kienet tqila xi xahar wara. Il-koppja ħadet xokk u fehmu li dan kien żmien tassew ħażin billi kienu għadhom ma ssettiljawx għal ħajja ġdida f'pajjiż differenti, kienu qed jaħdmu xogħolijiet ġodda, jisimgħu lingwa li ma kenux jafu u kultura ġdida li kellhom jaddattaw ruħhom għaliha. Kollox dehrilhom li kien diġà diffiċli aħseb u ara b'tarbija wkoll!

Meta Nadine u Thomas ċemplu l-HelpLine, it-tnejn li huma qalulna li dehrilhom li ma kenux lesti biex isiru ġenituri f'dan iż-żmien partikolari. Ma setgħux iħallsu la lit-tabib, la għal ċentru fejn jieħdu ħsieb it-tfal u ma kellhomx flus biex jixtru dak kollu meħtieġ għal tarbija ġdida. Spjegajnilhom is-sistema ta' ħajja Maltija u liema benefiċċji soċjali kienu intitolati għalihom bħal per eżempju servizzi ta' sptar b'xejn, appuntamenti fl-istess sptar u skemi b'xejn għat-tfal fost ħwejjeġ oħra. Għamilnilhom ukoll appuntament ma' ġinekologu li baqa' jsegwi l-koppja tul it-tqala kollha. Stajna wkoll nipprovdulhom l-ikel kif ukoll dak kollu meħtieġ għat-tarbija tagħhom kif ukoll hospital bag għall-omm u t-tarbija.

Nadine u Thomas iffaċċjaw dan iż-żmien ta' sfida flimkien u ssaħħu bħala koppja. Issa għandhom din il-ġojja – l-ewwel tifel tagħhom. L-abort kieku ċaħħadhom minn iben li tant xtaqu li jkollhom!

# Grace

Grace ċemplitilna meta kienet qed tistenna r-raba' wild tagħha. It-tarbija li kellha qabel kellha bis ftit xhur, għalhekk din kienet tqala għal kollox mhux ippjanata. Kienet emozzjonalment imkissra, mingħajr fiduċja fiha nnifisha u fi stat ta' disperazzjoni totali.

Ma kenitx qed tħossha lesta għal wild ieħor u għalhekk kienet qed taħseb biex tagħmel abort. Fil-fatt kienet diġà nefqet il-biċċa l-kbira ta' dak li kienet taqla' biex tordna l-pilloli biex tkun tista' tagħmel abort onlajn.

Fissritilna l-ġliediet interni u l-biżgħat li kienu qed jaħkmuha.

Il-marda kiefra li ħakmet lil żewġha kompliet tgħarraq is-sitwazzjoni. Kienu spiċċaw bla flus. L-ixkafef kollha kienu spiċċaw vojta u t-tfal kienu bil-ġuħ u kellhom bżonn ħwejjeġ tax-xitwa. It-tim tal-LifeLine pprovdewlha l-ħwejjeġ għat-tfal u provvisti tal-ikel u ta' iġjene li kellha bżonn il-familja. Grace kienet tqatta' l-biċċa l-kbira tal-ħin tagħha l-isptar. Ommha mietet f'daqqa bil-kanċer. Grace ma setgħetx taffaċċja l-mewt għal darba oħra. Il-pilloli tal-abort waslu u qerdithom darba għal dejjem. Hi u żewġha ddeċidew li jżommu t-tarbija. Fortunatament ir-raġel leħaq ħareġ mill-isptar għat-twelid tar-raba' wild tagħhom. Hu u Grace illum huma l-ġenitrui kburin ta' erbat itfal.

